A.L. 65 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (KAP. 427)

Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Sigurezza ta' Ġugarelli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 ta' l-Att Dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, u skond ir-regolament 1.2 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Sigurezza ta' Ġugarelli, pubblikati bl-Avviż Legali 373 ta' l-2002, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, fuq il-parir ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, stabbilixxa d-19 ta' Diċembru, 2003, bħala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-istess regolamenti għandhom jibdew iseħħu.

Iktar minn hekk, kull referenza li hemm fir-regolamenti għal tqegħid fis-suq hija waħda intiża biex ukoll tkopri t-tqegħid ta' prodotti fis-suq kullimkien fit-territorju tal-Komunità jew fit-territorju ta' Malta.